

32006D0760

10.11.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 311/49

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Novembru 2006

li tistabbilixxi, għas-sena tas-suq 2006/2007, is-somom ta' l-għajnuna għad-diversifikazzjoni, l-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni u l-għajnuna tranżizzjonali, li għandhom jingħataw taħt l-iskema temporanja għar-ristrutturazzjoni ta' l-industrija taz-zokkor tal-Komunità

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5266)

(It-testi bl-Ispanjol, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bit-Taljan, bil-Portugiż u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)

(2006/754/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jstabbilixxi skema temporanja ta' ristrutturazzjoni għall-industrija taz-zokkor tal-Komunità ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 968/2006 tas-27 ta' Ġunju 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jstabbilixxi skema temporanja ta' ristrutturazzjoni għall-industrija taz-zokkor tal-Komunità ⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Billi:

(1) Sa l-31 ta' Ottubru 2006, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi s-somom attribwiti lil kull Stat Membru kkonċernat għall-għajnuna għad-diversifikazzjoni stipulata fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006, għall-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni stipulata fl-Artikolu 7 ta' l-istess Regolament, u għall-għajnuna tranżizzjonali lil ċerti Stati Membri kif inhu stipulat fl-Artikolu 9 ta' l-istess Regolament.

(2) Is-somom ta' l-għajnuna għad-diversifikazzjoni u ta' l-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni huma kkalkulati abbażi tat-tunnellati tal-kwota taz-zokkor irrenunzjati fis-sena tas-suq 2006/2007 fil-pajjiż ikkonċernat, kif inhu stipulat fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 968/2006.

(3) Is-somom sħaħ ta' għajnuna tranżizzjonali lill-Awstrija u lill-Iżvezja għandhom ikunu disponibbli għal dawk l-Istati Membri sa mis-sena tas-suq 2006/2007,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-somom, għal kull Stat Membru kkonċernat, ta' l-għajnuna għad-diversifikazzjoni u ta' l-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni stipulati rispettivament fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006, kif inhuma stabbiliti skond il-kwoti rrinunzjati fis-sena tas-suq 2006/2007, huma mniżżlin fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Is-somma ta' l-għajnuna tranżizzjonali lill-Awstrija u lill-Iżvezja stipulata fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 hija mniżżla fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża u r-Renju ta' l-Iżvezja.

Magħmul fi Brussel, 9 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42.⁽²⁾ ĠU L 176, 30.6.2006, p. 32.

ANNEX

Is-somom għal kull Stat Membru ta' l-ghajjnuna għad-diversifikazzjoni, l-ghajjnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni u l-ghajjnuna tranżizzjonali

sena tas-suq 2006/2007

EUR

L-Istat Membru	Ghajjnuna għad-diversifikazzjoni	Ghajjnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni	Ghajjnuna tranżizzjonali lil ċerti Stati Membri
Spanja	10 196 475,75 EUR	—	—
L-Irlanda	21 818 970,00 EUR	21 818 970,00 EUR	—
L-Italja	85 271 723,40 EUR	42 635 861,70 EUR	—
L-Awstrija	—	—	9 000 000,00
Il-Portugall	3 856 371,00 EUR	1 928 185,50 EUR	—
L-Iżvezja	4 660 539,00 EUR	—	5 000 000,00